# Statut

# Malta Police Union

Your Choice. Your Voice.

Dan l-Istaut ġie approvat mill-Konferenza Ġenerali nhar il-14 ta' Ġunju 2021

Verżjoni: V7.0

Tabella tal-Emendi fl-Istatut;

| **Verżjoni** | **Data tal-approvazzjoni** | **Artikoli Emendati** | **Artikoli Miżjuda** |
|---|---|---|---|
| V1.0 | 25.07.1955 | - | - |
| V2.0 | 1960 | - | - |
| V3.0 | 2004 | - | - |
| V4.0 | 2008 | - | - |
| V5.0 | 24.06.2010 | - | - |
| V6.0 | 2015 | Preambolu | - |
| V7.0 | 14.06.2021 | Preambolu (2), Artikoli 1, 2,3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12, 17, Skeda 1 | Preambolu (7)(8), Artikoli 11, 13, 14, 15, 16 |

Tabella tal-Kontenut.

*PREAMBOLU* ............ *4*

*ARTIKOLU 1 (Isem, Indirizz u Reġistrazzjoni)* ............ *6*

*ARTIKOLU 2 (Għanijiet u Obġettivi)* ............ *6*

*ARTIKOLU 3 (Is-Sħubija)* ............ *8*

*ARTIKOLU 4 (Il-Miżata)* ............ *9*

*ARTIKOLU 5 (Emblema, Siġill, Bandiera u Motto)* ............ *10*

*ARTIKOLU 6 (Drittijiet u Obbligi tal-membri)* ............ *11*

*ARTIKOLU 7 (Sħubija barranija u Kuntatti)* ............ *12*

*ARTIKOLU 8 (Organi tal-Union)* ............ *13*

*ARTIKOLU 9 (Il-Konferenza Ġenerali)* ............ *13*

*ARTIKOLU 10 (Il-Kumitat Eżekuttiv)* ............ *15*

10.1 Kompożizzjoni ............ 15
10.5 Funzjoni u Poteri ............ 18
10.6 Il-President u l-Vici President ............ 21
10.7 Is-Segretarju; ............ 21
10.8 Il-Kontrollur Finanzjarju ............ 22

*ARTIKOLU 11 (Shop Stewards)* ............ *23*

*ARTIKOLU 12 (Elezzjonijiet u Kummissjoni Elettorali)* ............ *24*

12.1 Elezzjonijiet ............ 24
12.2 Kummissjoni Elettorali ............ 26

*ARTIKOLU 13 (Indipendenza)* ............ *26*

*ARTIKOLU 14 (Tim Ewlieni ta' Negozjar)* ............ *27*

*ARTIKOLU 15 (Tibdil fl-Istatut)* ............ *27*

*ARTIKOLU 16 (Spezzjoni tal-Kotba tal-Union)* ............ *28*

*ARTIKOLU 17 (Xoljiment)* ............ *28*

*Skeda 1 (Emblema)* ............ *29*

*Skeda 2 (Firem tal-Kumitat Eżekuttiv)* ............ *30*

## PREAMBOLU

1) Illi L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ġiet imwaqfa uffiċċjalment fil-25 ta' Lulju, 1955, biex l-ispetturi u l-gradi l-oħra jkunu jistgħu jikkunsidraw u jressqu għall-attenzjoni tal-awtoritajiet tal-pulizija u tal-Gvern il-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-benessri u l-effiċjenza tal-forza għajr kwistjonijiet ta' dixxiplina, trasferimenti, promozzjonijiet individwali u kwistjonijiet oħra li jaffettwaw lill-individwi.

2) Illi l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta’ Malta ġiet imsaħħa permezz ta’ qafas legali u speċifikament Regolament 7 tar-Regolamenti ta’ l-1960 dwar il-Pulizija ta’ Malta)

3) Illi għal diversi snin, l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta’ Malta baqgħet konsistenti u tinsisti fuq it-talba tagħha sabiex ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt ta’ l-assoċjazzjoni għal membri tal-Korp tal-Pulizija ta’ Malta jitneħħew u jkunu konformi man-normi u dikjarazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, fosthom il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Karta Soċjali ta’ l-Ewropa;

4) Illi bis-saħħa ta’ deċiżjoni meħuda mill-maġġoranza tal-membri tagħha f’Konferenza Ġenerali tal-2015, ġie dikjarat illi l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta’ Malta ghandha tikkonverti ruħha fi trade union meta ir-restrizzjonijiet jitneħħew u l-qafas legali ta’ Malta jkun jippermetti dan;

5) Illi dan seħħ permezz tad-dħul fis-seħħ tal-Att IV tal-2015 li emenda diversi liġijiet biex membri ta’ forzi dixxiplinati u ta’ forzi u servizzi oħra simili jkunu jistgħu jsiru membri ta’ trade unions u biex jipprovdi għal dispożizzjonijiet konsegwenzjali, anċillari u transitorji għall-imsemmi għan;

6) Għaldaqstant, fid-dawl ta’ dak imsemmi hawn fuq u sabiex tkompli tirrappreżenta u tħares l-interessi tal-membri tagħha u tal-Korp tal-Pulizija aħjar u b’mod sħiħ, l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta’ Malta qedgħa tikkonverti ruħha fi trade union u tkun regolata b’dan l-istatut:

7) Illi wara snin ta' ħidma bħala Assoċjazzjoni kif ukoll bħala Union, il-Konferenza Ġenerali li ġiet imsejħa nhar il-21 ta' Ġunju 2021, iddeċidiet b'mod unanimu li l-isem l-Malta Police Association (Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta), fil qasir MPA għandu jinbidel għal Malta Police Union (Union tal-Pulizija ta' Malta) u fil qasir MPU, kif provdut f'Artikolu 1 ta' dan l-Istatut.

8) Illi il-Konferenza Ġenerali provdiet ukoll li kull deċizjoni meħuda mill-Malta Police Association qabel it-tibdil tal-isem għall-Malta Police Union kif ukoll ta dan l-Istatut, għandhom jitqiesu *mutatis mutandis* li saru bis-saħħa ta' dan l-Istatut u għadhom validi u jirriflettu l-viżjoni, azzjonijiet u talbiet li għamlet il-Union matul iż-żmien, sa mill-1955.

## ARTIKOLU 1 (Isem, Indirizz u Reġistrazzjoni)

1.1 L-Union għandha tkun magħrufa bħala l-Malta Police Union jew Union tal-Pulizija ta' Malta bil-lingwa Maltija, u fil-qosor għandha tkun magħrufa bl-inizjali MPU (kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż), hawnhekk iżjed 'il-quddiem imsejjħa "L-Union ", taħt l-istatut preżenti.

1.2 L-indirizz principali għandu jkun Malta Police Union, *Spencer Hill*, Il-Menqa, Marsa, jew kull post ieħor indikat mis-Segretarju tal- Union.

1.3 L-Union hija reġistrata mad-Direttur tat-Trade Unions, bin numru RTU-302.

## ARTIKOLU 2 (Għanijiet u Obġettivi)

2.1 L-għanijiet u l-obġettivi ewlenija tal- Union huma b'mod partikolari;

2.2 Tħares u taħdem biex ittejjebil-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-membri kollha, bħal ħwejjeg li għandhom x jaqsmu mas-siegħat tax-xogħol, xiftijiet, regoli tad-dixxiplina inġenerali, vakanzi, pagi, allowances, pensjonijiet, uniformijiet u l-promozzjoni inġenerali tal-membri;

2.3 Tipparteċipa u tinnegozja f'isem il-membri kollha tagħha f'kull forum, inkluż mal-amministrazzjoni tal-Korp u Ministeri pubbliċi, Dipartimenti u entitajiet privati f'Malta jew barra minn Malta fejn jiġu diskussi u/jew deċiżi ħwejjeg li jolqtu lill-Union u lill-membri tagħha, inkuż fi ftehim Kollettiv u Settorjali skond il-ħtieġa;

2.4 Tipprovdi għajnuna u assistenza lill-membri fi proċedimenti dixxiplinari u/jew xort'oħra skond kif jiddeċiedi l-Kumitat Eżekuttiv minn żmien għal żmien;

2.5 Trawwem, tiżviluppa u s-saħħaħ l-"esprit de corps" fi ħdan il-membri tagħha u l-Korp tal-Pulizija ta' Malta permezz ta' relazzjonijiet u komunikazzjoni bejn l-istess membri u eks-membri tal-Korp, kif ukoll mal-pubbliku inġenerali;

2.6 It-Titjib tal-benesseri tal-membri tal-Korp u tad-dipendenti tagħhom, permezz ta' dawk is-servizzi li jkunu jistgħu jingħataw minn żmien għal żmien;

2.7 Tgħolli l-livell intelletwali, etiku, morali u professjonali tal-membri tagħha;

2.8 Torganizza attivitajiet edukattivi, ta' benesseri, kulturali u soċjali, għall-membri tagħha u d-dipendenti tagħhom;

2.9 Twaqqaf u/jew tkompli tamministra fond jew fondi għall-amministrazzjoni ġenerali;

2.10 Tikseb u/jew tipprovdi u/jew tamministra u/jew tiddisponi b'kera jew xort'oħra proprjetà mobbli jew immobbli u/jew servizzi;

2.11 Taħtar, u/jew timpjega persunal u konsulenti, u li tagħmel dak kollu li hu meħtieġ, anċillari u/jew li jwassal għall-kisba ta' l-għanijiet tal-Union;

2.12 Tippromwovi u tmexxi 'l quddiem dawk l-għanijiet li huma relatatti u konnessi mal-objettivi tal-istess Union;

2.13 Tipproteġi d-drittijiet tal-membri tagħha u d-dipendenti tagħhom fil-qasam tal-Protezzjoni tad-Data kif ukoll fis-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol;

2.14 Tipproteġi lill-membri tagħha minn kull fastidju u ibbuljar (*harasment and bullying*) fuq il-post tax-xogħol u tippromwovi kultura ta' diversita u inklużjoni fost il-membri.

2.15 Tassigura li Malta, kif ukoll il-Korp tal-Pulizija jimplimentaw l-obbligi tagħhom li joħorgu mit-trattati u liġijiet ewropej, kif ukoll min strumenti oħra li Malta tkun irratifikat, bħal European Social Charter.

## ARTIKOLU 3 (Is-Sħubija)

3.1 Is-sħubija għandha tkun volontarja, skont il-formola preskritta u għandha tkun miftuħa għall-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija ta’ Malta, hekk kif imfisser fl-Att Dwar il-Pulizija, inklużi dawk ta’ Riserva kif ukoll eks-membri;

3.2 Is-Sħubija għandha tkun ukoll miftuħa għal dawk impjegati mal-Korp tal-Pulizija ta’ Malta u li izda ma jaqgħux taħt it-tifsira tal-Att dwar il-Pulizija;

3.2.1 Is-Sħubija għandha ukoll tkun miftuħa għall-membri impjegati u/jew ingaggati fl-akkademja tal-Pulizija, kif ukoll rekluti u/jew kadetti bil-ħsieb li jidħlu fil-Korp tal-Pulizija ta’ Malta.

3.3 Kull membru msieħeb mal-Union jista’ jagħżel li jtemm is-sħubija tiegħu permezz t’ittra reġistrata mibgħuta lill-Kontrollur Finanzjarju tal- Union;

3.4 Is-sħubija tintemm awtomatikament mal-eta tal-pensjoni legali tal--membru rispettiv; u/jew kif preskiritt f’ sub-artikolu 3.7.1;

3.5 Il-Kontrollur Finanzjarju għandu jżomm id-*database* aġġornata bil-lista sħiħa tal-membri bil-pagamenti rispettivi tagħhom;

3.6 Ir-rikonoxximent uffiċjali tas-sħubija għandu jingħata mit-tessera li jkollha numru ta' Reġistrazzjoni. Din it-tessera għandha tiġi prodotta għal attendenza fil-Konferenzi Ġenerali, laqgħat tal-Union u kull meta jkun meħtieġ mod ieħor u fin-nuqqas, jista' jipprekludi lill-membru mill- ammissjoni għal dawn il-laqgħat kif ukoll mill-parteċipazzjoni fi kwalunkwe attività tal-Union, u milli jkollhom kwalunkwe rappreżentazzjoni, jew iressqu ilment lil kwalunkwe uffiċjal tal-Union.

3.6.1 Il-kards ikunu validi sa l-aħħar gurnata tal-annu li għaliha tkun iġġedded is-sħubija.

3.7 Il-Kumitat Eżekuttiv tal- Union għandu dritt jirrifjuta s-sħubija jew it-tiġdid jew itemm is-sħubija ta' membru fil-Union.

3.7.1 Membru jista' jitwaqqaf milli jkun membru ta' l-Union jekk:

(a) jirriżenja mis-sħubija, jew

(b) jirrifjuta jew jonqos milli jġedded il-miżata tas-sottoskrizzjoni tiegħu, jew

(ċ) jikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-istatut, jew

(d) jaġixxi b'xi mod li tippreġudika l-interessi tal-Union.

3.7.2 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jkollu d-diskrezzjoni u l-kompetenza jiddeċiedi jekk membru jkunx ikkommetta xi att ta' ksur kif iddikjarat fl-il-paragrafu (ċ) jew (d) tas-subartikou 3.7.1.

3.7.3 Id-deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv taħt dan l-Artikolu għandha tkun finali u konklusiva.

## ARTIKOLU 4 (Il-Miżata)

4.1 Il-miżata ta' membru tkun dovuta u titħallas bil-quddiem lill-Kontrollur Finanzjarju, skond il-pjan ta' sħubija li fiħ jissotoskrivi

4.2 Il-miżata tkun dik kif stabbilita mill-Kontrollur Finanzjarju, wara l-approvazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv b'maggoranza ta' żewġ terzi tal-membri;

4.3 Il-Kontrollur Finanzjarju għandu jistabilixxi metodi ta' kif titħallas il-miżata mill-membri;

4.4 Is-Sħubija tkun valida minn dakinhar tal-ħlas sa l-aħħar gurnata tal-annu li għalieh tkun ġiet imħallsa l-miżata;

4.5 Il-Miżata ma hix rifundibbli, la fl-intier u lanqas fil-parti.

## ARTIKOLU 5 (Emblema, Siġill, Bandiera u Motto)

5.1 L-Emblema għandha tkun dik murija fl-ewwel skeda tal-Istatut;

5.1.1 L-Emblema tista' tiġi emendata temporanjament sabiex tifforma parti minn kampanji jew avvenimenti ta' sostenn lill-Komunita;

5.1.2 L-Ebda persuna ma tista' tuża l-Emblema, Sigill jew Bandiera tal-Union mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub tal-Kumitat Eżekuttiv;

5.1.3 L-emblema għandha tiġi reġistrata bħala trademark sabiex tingħata l-għola protezzjoni;

5.2 Is-siġill għandu jkun jinkludi l-emblema tal- Union;

5.3 Il-bandiera għandha ġġib l-istess emblema tal- Union, fiċ-ċentru, fuq sfond blu skur;

5.3.1 Din għandna tittajjar fil-ġranet li jistabbilixxi l-Kumitat Eżekuttiv minn żmien għall-żmien;

5.3.2 F'okkażjoni ta' luttu, din għanda tittajjar mezz'asta, u meta tinġarr tintuża faxxa sewda fin-naħa ta' fuq bħala sinjal ta rispett.

5.3.3 Luttu għandu jiġi ddikjarat f' każ ta'mewt ta' membru attiv u/jew membru ta' xi organu tal-Union.

5.6 Il-Motto tal-Union għandu jkun – ‘Your Choice. Your Voice’.

## ARTIKOLU 6 (Drittijiet u Obbligi tal-membri)

6.1 Il-membri kollha mħallsa għandhom id-dritt li jeleġġu membri jew li jiġu eletti huma stess membri fil-Kumitat Eżekuttiv, skond il-parametri stabbiliti mill-Kumitat Eżekuttiv;

6.1.1 Kull membru tal-Union li ilu msieħeb għal mill-inqas tlett snin jista' jiġi nnominat bħala kandidat għall-Kumitat Eżekuttiv minn proponent u sekondatur, fuq formola uffiċjali li tista' tinkiseb mingħand is-Segretarju;

6.1.2 Kull membru tal-Union li ilu msieħeb għal mill-inqas 12-il xahar u li huwa regolari fl-abbonament tiegħu għandu d-dritt tal-vot;

6.2 Il-membri huma marbutin b’dan l-istatut u bid-deċiżjonijiet li jintlaħqu skont il-proċess demokratiku intern.

6.3 Kull membru għandu jħallas il-miżata għas-sħubija tiegħu skont ma hemm stabbilit f’ dan l-Istatut

6.4 Kull membru jkollu d-dritt li jibbenefika minn kull kisba li tagħmel, u/jew servizz li toffri, l- Union.

6.5 Il-membri tal-Union għandhom ikunu intitolati għal parir verbali b'xejn dwar kwalunkwe kwistjoni.

6.5.1 Il-membri tal-Union imħallsa għandhom ikunu intitolati wkoll għal rappreżentanza legali fejn huma:

(a) Affettwati minn ksur ċar ta' ftehim kollettiv jew settorjali, u/jew

(b) Qed jiffaċċjaw proċeduri dixxiplinarji interni, u/jew

6.5.2 Il-membri tal-Union li jkun ilhom imsieħba għall mhux inqas minn tlett snin u li huma regolari fl-abbonament tagħom, huma intitolati għal rappreżentanza legali fit-Tribunal Industrijali dwar kwistjonijiet kif elenkati hawn fuq waqt impjieg tagħhom, kif ukoll fil-Qorti bħala assistenza Parte Civile, għall dak l-ammont stabbilit mill-Kumitat Eżekuttiv. Assistenza legali ma tingħatax meta l-membru jkun imputat, akkuzat jew suspettat f'kaz fi kwalunkwe kaz.

6.5.3 B'segwitu għas-sub artikoli 6.5, 6.5.1 u 6.5.2 hawn fuq, il-Kumitat Eżekuttiv jista' jikkunsidra l-għoti ta' rappreżentanza lill-membri dwar kwistjonijiet oħra relatati mal-impjieg li mhumiex elenkati hawn fuq.

6.6 Membru li kontra tiegħu jkunu qegħdin jittieħdu xi azzjonijiet kriminali fil-Qrati tal-Gustizzja għandu jiġi sospiz sakemm jinqata l-Każ. Il-miżata għall kumplament tal-perjodu mħallas ma tiġix rifonduta. F'kaz li membru jinstab ħati b'mod definittiv, għandu jitneħħa minn fuq il-lista minnufieħ.

## ARTIKOLU 7 (Sħubija barranija u Kuntatti)

7.1 Il-Union tista' tissieħeb f'entitajiet u organizzazzjonijiet barranin u/jew lokali oħra simili skond l-Istatut tagħha, b'l-iskop ewlieni li tilħaq l-għanijiet u l-obġettivi tagħha.

7.1.1 Sħubija f'entitajiet u organizzazzjonijiet barranin għandha ssir permezz ta' vot sempliċi ta' dawk preżenti waqt il-Konferenza Ġenerali jew Konferenza Straordinarja.

7.1.2 Terminzazjoni ta' Sħubija f'entitajiet imsemmija f'arikolu 7.1 għandna tkun deċiża mill-Kumitat Eżekuttiv, wara vot li jġib żewg terzi maġġoranza.

7.2 Il-Union għandha tibqa’ żżomm dawk il-kuntatti ma’ Unions, Assoċjazzjonijiet u/jew għaqdiet tal-Pulizija kemm lokali u kemm barranin jew xort’oħra, biex iġġib ’il quddiem l-ideali u l-interessi tagħha.

## ARTIKOLU 8 (Organi tal-Union)

8.1 L-organi tal- Union huma: -

(a) Il-Konferenza Ġenerali;

(b) Il-Kumitat Eżekuttiv;

(c) Shop Stewards.

## ARTIKOLU 9 (Il-Konferenza Ġenerali)

9.1 Il-Konferenza Ġenerali għanda tkun maghmula mill-Kumitat Eżekuttiv flimkien ma’ dawk il-membri tal- Union li jkollhom il-miżata għal dik is-sena mħallsa, li jkunu preżenti waqt l-istess Konferenza Ġenerali.

9.2 Il-Konferenza Ġenerali għandha ssir fil-post, jum u ħin stabbiliti u deċiżi mill-Kumitat Eżekuttiv.

9.3 L-aġenda għall-Konferenza Ġenerali għandha tiġi mħejjija mis-Segretarju u għandha titqiegħed għall-informazzjoni tal-membri mill-inqas ħmistax-il ġurnata qabel il-jum stabbilit.

9.4 Kull deċiżjoni fil-Konferenza Ġenerali għandha tittieħed b’maġġoranza sempliċi ta’ dawk il-membri preżenti waqt il-ħin tal-vot.

9.5 Għandu jkun hemm Konferenza Ġenerali ordinarja waħda kull erba' snin li għaliha mhux inqas għandu jingħata avviż ta' wieħed u għoxrin jum. Din il-laqgħa għandha tkun il-Konferenza Ġenerali Kwadrenniali u għandha ssir bl-Aġenda li ġejja;

a) Minuti tal-Konferenza Ġenerali preċedenti;

b) Diskors mill-President, u mill-Vici President skond il-ħtieġa;

c) Rapport mis-Segretarju, flimkien ma kull rapport ieħor li l-kumitat Ezekuttiv iqis xieraq;

d) Dikjarazzjoni Finanzjarja Awditjata mill-Kontrollur Finanzjarju;

e) Ħatra tal-Kumitat Eżekuttiv għat-terminu ta’ erba’ snin li jmiss, u liema ħatra tkun b’effett immedjat;

f) Mozzjonijiet.

9.6 F’każijiet straordinarji u eċċezzjonali, tista’ titlaqqa Konferenza Ġenerali Straordinarja, b’talba bil-miktub magħmula lis-Segretarju minn mhux inqas minn 10% tal-membri bil-miżata mħallsa għal dik is-sena jew fil-każ li l-Kumitat Eżekuttiv jara li hekk ikun meħtieġ. Id-data għandha tiġi stabbilita mis-Segretarju;

9.6.1 Is-Segretarju jista’ ukoll jlaqqa Konferenza Ġenerali Straordinarja, fil-każijiet imsemija fl-Artikolu precedenti, wara li konsultazzjoni mal-Kumitat Eżekuttiv. F’kaz ta’ urġenza, din tista’ tissejjaħ b’mod immedjat u l-perjodu ta’ notifika għandu jkun ta’ mhux inqas minn tlett ijiem qabel id-data stabbilita għal-Konferenza Ġenerali Straordinarja.

9.7 F’każ ta’ nuqqas ta’ approvazzjoni tal-kontijiet annwali u/jew addottazzjoni tar-rapport tas-Segretarju;

9.7.1 Għandu jinħatar, mill-Konferenza Ġenerali, bord ad hoc kompost minn tlett membri sabiex jeżamina u jirrapporta dwar il-kwistjonijiet hekk imqajjma u d-deċiżjoni tiegħu tkun finali, daqs li kieku ġiet approvata mill-Konferenza Ġenerali, liema rapport għandu jsir fi żmien xahar. Dan ir-rapport għandu jkun mgħarraf lill-Konferenza Ġenerali Straordinarju imsejjħa għalhekk u;

9.7.2 Jekk tkun l-aħħar Konferenza Ġenerali li fih għandu jinħareġ ir-writ tal-elezzjoni, għandu jkun hemm estensjoni ta' xahrejn sabiex l-imsemmi bord jissottometti r-rapport tiegħu quddiem il-Konferenza Ġenerali Straordinarju imsejjħa għalhekk.

9.8 Il-Konferenza Ġenerali għandha tkun immexxija mill-President li għandu jippresjedi l-konferenza u fl-assenza tiegħu jkun il-Vici President li jippresjedi l-imsemmija Konferenza Ġenerali.

9.9 Kull membru tal- Union li jkollu l-miżata mħallsa jista' jitlob li titpoġġa mozzjoni jew proposta fuq l-aġenda permezz ta' ittra lis-Segretarju fejn fiha jispjega r-raġunijiet tiegħu fil-qosor.

## ARTIKOLU 10 (Il-Kumitat Eżekuttiv)

### 10.1 Kompożizzjoni

10.1.1 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn President, Kontrollur Finanzjarju u sitt (6) membri wara li jkunu għaddew mill-proċess elettorali skont l-Istatut, u eletti fil-Konferenza Ġenerali mill-membri;

10.1.2 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu ukoll ikollu Segretarju maħtur skond Artikolu 10.2 ta dan l-Istatut;

10.1.3 F'każ li s-Segretarju jkun ikkontesta l-elezzjoni u jiġi elett, dan għandu jibqa f'dik il-Kariga sakemm jiskadi l-kuntratt, bil-possibilita li dan jiġi mġedded bi ftehim. F'kaz li s-segretarju jkun elett u l-kuntratt ma jiġġeddidx, dan għandu jżomm postu fil-Kumitat Eżekuttiv bħala membru;

10.1.3.1 F'każ li s-Segretarju maħtur skond artikolu 10.2 ma jikkontestax l-elezzjoni, dan għandu jibqa fil-kariga sakemm jispicca l-Kuntratt tal-ingaġġ u jekk tali kuntratt ma jiggeddidx, il-Kumitat Eżekuttiv jiddikjara l-posizzjoni ta' Segretarju bħala vakanti u sakemm jinstab sostitut, il-Vici President għandu jassumi r-responsabiltajiet tas-Segretarju;

10.1.4 Is-Segretarju jżomm id-dritt tal-vot sakemm jibqa' fil-kariga, anki jekk ma jkunx elett;

10.1.5 Kumitat Eżekuttiv, jista' jaħtar Vici President, Uffiċċjal għar-relazzjonijiet pubbliċi u media minn fost dawk eletti;

10.1.5.1 Il-Kumitat Eżekuttiv ma għandux il-poter jaħtar iktar karigi minn dawk stabbiliti fis-sub-artikoli 10.1.2 u 10.1.5;

10.1.6 It-terminu tal-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun ta' erba' snin, minn Konferenza Ġenerali għall-oħra;

10.1.6.1 It-terminu, f'każ ta' raguni straordinarja, jista' jigi estiż b'mhux iktar minn 6 xhur;

10.1.7 Membri li jkunu servew fil-Kumitat Eżekuttiv preċedenti, mhumiex esklużi milli jerġgħu jiġu eletti fil-Kumitat Eżekuttiv il-ġdid;

10.1.8 Ir-riżenji mill-Kumitat Eżekuttiv iridu jingħataw bil-miktub lis-Segretarju, u kull vakanza li tirriżulta minnhom għandha timtela' awtomatikamentminn dak li jkun imiss fl-iskala tal-ghadd tal-voti li tkun saret waqt l-elezzjoni ta' qabel. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kumitat Eżekuttiv għandu jeleġġi membru/i tal-Union sabiex jifforma parti mill-istess Kumitat Eżekuttiv sabiex jimlew kull vakanza maħluqa minn riżenja;

10.1.9 F'każ ta' riżenja mis-Segretarju, din għandha tingħata lill-President.

10.1.9.1 F'kaz tar-riżenja mill-kariga tal-President, Vici-President, Segretarju jew Kontrollur Finanzjarju, dawn għandhom id-dritt tal-għażla jekk jibqgħux jagħmlu parti bħala membri tal-Kumitat Eżekuttiv.

10.1.10 Membru fil-Kumitat Eżekuttiv għandu l-poter illi jneħħi membru milli jokkupa l-post tiegħu fl-istess Kumitat Eżekuttiv jekk;

a) jirriżenja permezz ta' ittra ndirizzata lis-Segretarju; jew

b) ikun assenti mingħajr raġuni valida għal tliet (3) laqgħat konsekuttivi; jew

c) tkun approvata bil-vot ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kumitat Eżekuttiv riżoluzzjoni magħmula minn membru tal-istess Kumitat Eżekuttiv li titlob it-tneħħija ta' tali membru fuq bażi ta':

   i. inkapaċita' li jaqdi d-dmirijiet tiegħu; jew

   ii. imġieba ħażina; jew

   iii. kunflitt ta' interess jew ksur ta' fiduċja; jew

   iv. kwalunkwe raġuni oħra li għaliha tali membru jista' jkun ta' detriment għall-Union; jew

d) filwaqt li jkun diġa qed jokkupa din il-kariga, jissieħeb, jew jiġi skopert li jkun imsieħeb, ma' union oħra.

10.1.11 Il-post li jiġi vakanti minħabba r-raġunijiet u bil-modi msemmija fl-artikolu preċedenti, għandu jimtela' skond il-provvedimenti tas-sub-artikolu 10.3

10.2 Is- Segretarju għandu jkun impjegat tal-Union skond il-provvedimenti tal-Artikolu 4.1 tal-PSMC Manual on special leaves.

10.3 Il-Kumitat Eżekuttiv, għandu l-poter li jagħmel co-option minn fost il-membri mħallsa tal-Union fil-każ li jkun hemm vakanza fil-Kumitat Eżekuttiv;

10.4 Il-Kumitat Eżekuttiv, għandu l-poter li jagħzel Shop Stewards sabiex jaqdu d-doveri tagħhom skond kif previst f'Artikolu 11.

## 10.5 Funzjoni u Poteri

10.5.1 Il-Kumitat Eżekuttiv huwa vestit bl-amministrazzjoni ġenerali tal-Union u għandu d-dover li jwettaq l-obġettivi u l-missjoni tagħha permezz ta' kull mezz xieraq;

10.5.2 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu waqt il-laqgħat organizzati permezz ta' vot tal-membri tiegħu preżenti. F'kaz ta' urġenza u fejn mhux possibbli li tissejjaħ laqgħa, is-Segretarju għandu jikkonsulta mal-membri tal-Kumitat Eżekuttiv kif imiss u jimplimenta d-deċizjoni meħuda skond il-volonta tal-maġġoranza tal-membri disponibbli f'dak il-ħin;

10.5.1 Il-Kumitat Eżekuttiv jista' jiddelega l-jedd ta' deċizjoni lill-kull membru tal-Kumitat Eżekuttiv li jkunu meħtieġa jattendu laqgħat sabiex jirraprezentaw il-Union u fejn tali deċizjoni tkun meħtieġ li tiġi meħuda fl-immedjat mingħajr ċans ta' konsultazzjoni;

10.5.2. Kull deċiżjoni meħuda skond is-sub-artikoli preċedenti għandha tkun dik finali u tkun il-posizzjoni uffiċjali tal-Kumitat Eżekuttiv;

10.5.3 Il-Kumitat Eżekuttiv jista' jaħtar konsulenti ġenerali u/jew professjonisti fil-qasam legali sabiex jgħinuh fil-ħidma tiegħu kemm bi ħlas u kemm fuq bażi volontarja. Il-mandat tal-Konsulenti jintemm awtomatikament mal-ħruġ tar-writ tal-elezzjoni, u jista' jiġġedded;

10.5.4 Il-Kumitat Eżekuttiv jista' jaħtar sotto kumitati għal għan jew struzzjonijiet speċifiċi. It-terminu ma għandux jeċċedi l-perjodu ta 6 xhur;

10.5.5 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jimplementa d-deċiżjonijiet approvati fil-Konferenza Ġenerali u l-Konferenza Ġenerali Straordinarja;

10.5.6 Il-Kumitat Eżekuttiv għandhu jiltaq' skond il-ħtieġa sabiex iwettaq id-doveri tiegħu b'mod effiċjenti, wara notifika mis-Segretarju;

10.5.7 Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv għandhom jiddiskutu l-materji kollha mressqa f'atmosfera ta' ħbiberija u solidarjeta', filwaqt li jisħqu sabiex jittieħdu deċiżjonijiet bi ftehim. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, għandu jittieħed vot fejn maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti għall-laqgħa tkun deċiżiva;

10.5.8 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jevita kull kunflitt ta' interess, duplikazzjoni ta' sforzi u ħela, sabiex ir-riżorsi umani u materjali jitħaddmu bl-aktar mod effiċjenti u effettiv;

10.5.10 Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv għandhom jiddikjaraw kull kunflitt ta' interess li jista' jkun hemm fi kwalunkwe materja li tkun impoġġija fuq l-Agenda għad-diskussjoni, sa qabel tibda l-istess diskussjoni;

10.5.11 Membru li jkollu kunflitt ta' interess dirett ma jkollux dritt ta' vot fuq dik il-materja;

10.5.12 Is-Sub-artikolu preċedenti ma jgħoddx għas-sempliċiment fatt li l-ilment jew suġġeriment ikun imressaq minn dak il-membru;

10.5.13 Il-Kumitat Eżekuttiv jew membru delegat minnu għandu jiltaqa' ma' dawk il-partijiet li jidhirlu xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet li għalihom ġiet imwaqqfa l- Union;

10.5.14 Il-quorum ikun ta' nofs l-għadd tal-membri u wieħed aktar.

10.5.15 Fin-nuqqas ta quorum waqt laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv, il-membri jistgħu jipproċedu bl-aġenda, iżda m'għandhomx jittieħdu deċiżjonijiet fuq kwistjonijiet ta' materja ta' mportanza sostanzjali, b'mod speċjali dawk li jaffetwaw direttament l-interess tal-membri kollha tal-Union.

10.5.16 Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal- Union għandha tkun vestita fil-Kumitat Eżekuttiv.

10.5.17 Il-Kumitat Eżekuttiv jista', jekk jara l-ħtieġa, joħroġ dawk l-istqarrijiet fil-mezzi tax-xandir u l-istampa, kif ukoll jorganizza dawk l-attivitajiet meħtieġa biex jilħaq dan il-għan

10.5.18 L-uffiċjali tal-Union għandhom jiġu protetti mill-Union kontra l-obbligazzjonijiet u l-ispejjeż imġarrba minnhom fi jew dwar it-twettiq tal-obbligazzjonijiet dmirijiethom ħlief li jirriżultaw mill-atti rispettivi tagħhom stess jew Ommissjonijiet fis-soveri tagħom.

10.5.19 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu l-awtorita li jirreġistra tilwima industriali fuq kull materja li jidhirlu xieraq, kif ukoll li joħroġ dawk l-istruzzjonijiet u direttivi lill-membri tiegħu u/jew lill kull min jidhirlu xieraq sabiex jilħaq l-għan li għalieħ tkun saret it-tilwima industriali.

10.5.19.1 Biex jirregistra tilwima u/jew joħroġ dawn id-direttivi, il-vot tal-maggoranza sempliċi ta' dawk preżenti waqt il-laqgħa li fiha tkun sejra ssir id-deċizjoni huwa meħtieġa.

10.5.19.2 F'każ ta' urgenza, il-President, Vici President u Segretarju jistgħu jiddeliberaw flimkien, u wara qbil unanimu jirreġistraw tilwima u/jew joħorġu struzzjonijiet jew direttivi minimi skond il-ħtieġa tal-mument. F'każ li ma jkunx ġie elett Vici-President, il-Kontrollur Finanzjarju għandu jassumi dan l-inkarigu.

10.5.20 Il-Kumitat Eżekuttiv mhux marbut li jinvestga u/jew jieħu azzjoni fuq kull ilment li jirċievi, iżda għandu jimxi fuq ordni ta' mertu u priorita skond il-bżonnijiet, il-ħtieġa u l-Aġenda tal-Union;

10.5.20.1 L-ilmenti għandhom jitressqu bil-miktub;

10.5.20.2 Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu preċedenti, il-Kumitat Eżekuttiv jista' jinvestiga u jieħu azzjoni dwar ilment u'jew suġġeriment li ma jkunx sar bil-miktub, jekk dan jolqot maggoranza jew ammont sostanzjali ta' membri u mhux limitat biss għall-persuna li ressqitu'

## 10.6 Il-President u l-Vici President

10.6.1 Il-President għandu jippresjedi l-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv skond l-aġenda mħejjija;

10.6.2 Il-Presdient għandu jassigura li r-rapport ta' ħidma jigi diskuss u approvat fil-Konferenza Ġenerali;

10.6.3 Il-President għandu jattendi u jipparteċipa f'ċerimonji u/jew attivitajiet sabiex jirrappreżenta l-Union;

10.6.4 Fl-assenza tal-President, il-Vici President għandu jippresjedi l-laqgħat.

## 10.7 Is-Segretarju;

10.7.1 Is-Segratrju għandu jkun il-persuna responsabbli mill-organizzazjoni u amministrazzjoni tal- Union, ħlief dawk il-materji finanzjarji.

10.7.2 Kif previst fis-sub-artikolu 10.2 is-Segretarju għandu jkun impjegat tal-Union, is-salarju tiegħu jitħallas mill-Gvern skond il-provvedimenti tal-PSMC. Il-Kundizzjonijiet tiegħu għandhom jiġu determinati mill-Kumitat Eżekuttiv, rapprezentat mill-President u Vici President jew Kontrollur Finanzjarju, permezz ta' kuntratt li għandu jsir bi qbil u li għandu ukoll jinkludi terminu ta' validita;

10.7.3 Is-Segretarju għandu jgawdi mill-kundizzjonijiet kollha msemmija fil-PSMC, Ftehim Kollettiv kif ukoll Ftehim Settorjali;

10.7.4 Is-Segretarju għandu jżomm il-minuti u notamenti oħra dwar il-laqgħat kollha li l- union twettaq jew tattendi. Ikun responsabbli mill-korrispondenza, l-kuntatti u l-komunikazzjonijiet, kemm lokali kif ukoll barranija.

10.7.5 Is-Segretarju għandu joħroġ l-aġenda tal-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv u l-Konferenza Ġenerali.

10.7.6 Is-Segretarju għandu jikkordina l-ħidma tal-Union bl-aħjar mod u effiċjenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet u l-objettivi tal- Union.

10.7.8 Is-Segretarju, sabiex jintlaħaq l-għan ta-sub artikolu preċedenti, għandu jikkordina u jpoġġi dawk il-punti neċessarji fuq l-Agenda tal-Union, skond il-priorita mistħoqqa;

10.7.9 Is-Segretarju għandu jkun responsabbli mill-ftuħ tal-uffiċju tal-Union skond il-ħtieġa.

10.7.10 Is-Segretarju għandu jkun il-Kontrollur tad-data personali, hekk kif jitlob l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-data, Kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta.

10.7.11 Is-Segretarju, għandu jipprepara rapport annwali u jippreżentaħ fil-Konferenza Ġenerali.

10.7.12 Is-Segretarju għandu jkollu dawk ir-responsabiltajiet mogħtija lilu mill-Kumitat Eżekuttiv.

10.7.13 Is-Segretarju għandu jippresjedi l-Kumitat tas-Shop Stewards.

10.7.14 Is-Segretarju għandu jkun il-liaison officer fil-komunikazzjoni u koordinazzjoni ma Unions u entitajiet oħrajn, kif ukoll mal-Korp.

## 10.8 Il-Kontrollur Finanzjarju

10.8.1 Il-Kontrollur Finanzjarju jkun responsabbli għall- fondi kollha tal- Union.

10.8.2 Il-ħlasijiet lokali għandhom dejjem isiru permezz ta’ kont kurrenti (cheque), u għandhom jeħtieġu zewġ firem minn dawk assenjati mill-Kumitat Eżekuttiv għal dan il-għan;

10.8.3 Ħlasijiet barra l-pajjiż jistgħu jsiru permezz tal-proċessi offruti mill-banek. Fejn tkun teħtieg firma, għandhom jiġu applikati l-istess provedimenti tal-artiklu 10.7.2.

10.8.4 Il-Kontrollur Finanzjarju għandu jżomm il-kontijiet tal-Union u jippreżenta rendikont awditjat lill-Kumitat Eżekuttiv u lill-Konferenza Ġenerali.

10.8.5 Il-Kontrollur Finanzjarju, jista’ jiftaħ kontijiet f’isem l- Union f’banek u/jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra, skont kif jiġi deċiż mill-Kumitat Eżekuttiv. Jistgħu ukoll jinfetħu nvestimenti li jkunu liċenzjati mill-awtoritajiet kompetenti u bonds maħruga mill-Gvern.

10.8.6 Il-Kontrollur Finanzjarju għandu jkun responsabbli mid-depożiti, ħlas ta’ kontijiet u miżati, kemm lokali kif ukoll barranin.

10.8.7 Il-Kontrollur Finanzjarju jista’ jekk tkun il-ħtiega jiftaħ u jżomm kont ta’ kreditu. Dan għandu jintuża unikament sabiex isiru transazzjonijiet finanzjarji barra l-pajjiż.

10.9 Is-sena finanzjarja tal-Union għandha tkun mill 1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Diċembru ta’ kull sena.

## ARTIKOLU 11 (Shop Stewards)

11.1 Kull membru tal-Union li ilu msieħeb għal mill-inqas sentejn u li huwa regolari fl-abbonament tiegħu jista' jiġi nnominat bħala Shop Steward minn proponent u sekondatur, fuq forma uffiċjali li tista' tinkiseb mingħand is-Segretarju;

11.2 Għandu jkun id-dmir u dover ta' kull Shop Steward;

(a) li jippromwovi l-interessi tal-Union b'entużjażmu u determinazzjoni;

(b) li jsemmu s-Sħubija tal-Union fuq il-post tax-xogħol fejn jirraprezentaw;

(c) li jressaq għall-attenzjoni tas-Segretarju kwalunkwe kawża ta' skuntentizza jew il-ħtieġa ta' attenzjoni urġenti;

(d) jiġbor mingħand il-membri kwalunkwe flejjes dovuti lill-Fondi jew għal kwalunkwe attività tal-Union u lill-Kontrollur Finanzjarju jew lis-Segretarju;

(e) li jżommu lill-membri infurmati tajjeb dwar kwalunkwe attività tal-Unjon, u li jqassmu l-pubblikazzjonijiet tal-Union u jagħmlu ħilithom biex iżidu ċ-ċirkolazzjoni tagħhom;

(f) li jikkonforma b'mod leali ma' kwalunkwe istruzzjoni li tiġi mill-Kumitat Eżekuttiv

(g) li jagħmlu ħilithom biex jiżguraw ir-reġistrazzjoni ta' dawk li mhumiex membri.

11.3 Shop Steward jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu skond kif jipprovdi l-artikolu 10.1.8.

11.4 Kull ilment li jitressaq mis-shop Stewards irid isir bil-miktub, lis-Segretarju.

## ARTIKOLU 12 (Elezzjonijiet u Kummissjoni Elettorali)

### 12.1 Elezzjonijiet

12.1.1 L-Elezzjoni ghal-Kumitat Eżekuttiv għandha ssir f'mhux aktar tard minn sitt xhur minn għeluq l-erbgħa snin mid-data tal-elezzjoni preċedenti.

12.1.2 Is-Segretarju għandu jippubblika r-writ għall-elezzjoni mhux aktar tard minn xaharejn qabel u għandu jinġieb għall-attenzjoni tal-membri.

12.1.3 Ir-writ għandu jsemmi d-data, ħinijiet u l-post jew postijiet fejn tkun sejra ssir l-elezzjoni. Dan għandu joħrog mhux inqas minn xahar qabel l-elezzjoni.

12.1.4 In-nominazzjonijiet għandhom jaslu għand is-Segretarju sa mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel id-data stabbilita għall-elezzjoni.

12.1.5 Is-Segretarju għandu jaċċetta nominazzjonijiet minn membri li:

a) Skond kif jipprovdi Artikolu 6.1.1
b) ma jkunux missieħba ma' union oħra, għajr l-MPU.

Man-nominazzjoni għandu wkoll jiġi nkluż ritratt u għandha tingħata riċevuta.

12.1.6 Il-lista tal-kandidati għandha titwaħħal f'post prominenti fil-post li fih tkun sejra ssir il-votazzjoni.

12.1.7 Il-votazzjoni ssir fil-post, id-data u l-ħin stabbilit mill-Kumitat Eżekuttiv u hekk kif ikun ġie indikat fir-writ. Dawn għandhom ikun tali li jippermettu kemm jista' jkun li membri jiġu jivvutaw.

12.1.8 Mhux permessa delega ta' vot lil xi ħadd f isem xi ħadd ieħor.

12.1.9 Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv eletti jkunu dawk li l-iktar li jkunu ġabu voti fil-votazzjoni.

12.1.10 Kull vot irid ikollu timbru tal- Union sabiex ikun validu.

12.1.11 Il-voti għandhom jingħaddu fil-mument li tispiċċa l-votazzjoni. Kull kandidat għandu dritt li jkun preżenti waqt l-għadd tal-voti.

## 12.2 Kummissjoni Elettorali

12.2.1 Għandu jkun hemm Kummissjoni Elettorali sabiex tmexxi l-proċess elettorali.

12.2.2 Il-Kummissjoni Elettorali għandha r-responsabbilita' tal-proċess elettorali, għadd tal-voti u ħrug tar-riżultat uffiċjali.

12.2.3 Il-Kummissjoni Elettoli għandha tinħatar mill-Kumitat Eżekuttiv u għandha tkun magħmula minn tliet membri.

12.2.4 Membru jista' jinħatar sabiex jifforma parti mill-Kummissjoni Elettorali kemm-il darba:

a) jkun eleġibli sabiex jivvota fl-elezzjoni; u

b) ma jkunx wieħed mill-kandidati.

## ARTIKOLU 13 (Indipendenza)

13.1 Il-Union hija indipendenti mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta kemm fl-amministrazzjoni kif ukoll fl-operat u deċiżjonijiet li jittieħdu.

13.2 Il-Union għandha ukoll tkun indipendenti minn kull attivita u/jew partit u/jew moviment politiku jew relatat mal-politika.

13.3 Ma għandu jkun hemm xejn li jxekkel lill-Union milli, sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha skont dan l-Istatut, tiltaqa' u jkollha kuntatt dirett ma dawk imsemmija f'dan l-Artikolu.

13.4 Dan l-Artikolu ma japplikax għal proveddimenti tal-Artikolu 7 ta' dan l-Istatut.

## ARTIKOLU 14 (Tim Ewlieni ta’ Negozjar)

14.1 It-Tim Ewlieni tan-Negozjar tal-Union għandu jkun immexxi mill-President, u jinkludi l-Vici President u s-Segretarju. Konsulenti jistgħu jiġu msejħa sabiex jattendu. F’każ li l-Vici President jew xi wieħed mil-membri msemmija ma jkunux jistgħu jattendu, il-Kontrollur Finanzjarju għandu jassumi dan l-inkarigu.

14.2 It-Tim Ewlieni tan-Negozjar tal-Union jkun responsabbli biss għan-negozjar ta’ ftehim kollettiv u/jew settorjali taħt ir-responsabbiltà tal-Union.

14.3 It-Tim Ewlieni tan-Negozjar tal-Union jkun responsabbli wkoll biex jippreżenta d-dokumentazzjoni kollha relatata b'mod sħiħ lill-membri mħallsa affettwati kollha.

14.3 Il-ftehim kollettiv jew settorjali innegozjat għandu jitqies ratifikat b'maġġoranza sempliċi; għalhekk fejn 50 % +1 mill-membri mħallsa preżenti għal-laqgħa ta' riżoluzzjoni japprovaw ir-ratifika wara l- il-ftehim innegozjat ikun ġie ppreżentat.

## ARTIKOLU 15 (Tibdil fl-Istatut)

15.1 Il-Konferenza Ġenerali biss għandu jkollha s-setgħa li tippromulga, tibdel, temenda jew tirrevoka artikolu jew sett ta' artikoli f’ dan l-Istatut, mingħajr preġudizzju għall xi emendi li joħrog il-Kumitat Eżekuttiv b’mod urġenti li r-ratifika tagħhom tkun sejra ssir waqt il-Konferenza Ġenerali li jmiss.

15.2 Kull bidla għandha tidhol fis-seħħ b’mod immedjat, mid-data tal-approvazzjoni ta’ dan l-Istatut.

15.2.1 L-Artikolu preċedenti ma japplikax għall-provvedimenti tas-sub-artikolu 10.1.6 fejn it-terminu għandu jibqa dak stabbilit skond ir-regoli stabbiliti fil-ġurnata tal-elezzjoni ta' qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Istatut. Madanakollu, dan għandu japplika għall-elezzjonijiet li jissejħu wara l-approvazzjoni ta dan l-Istatut.

## ARTIKOLU 16 (Spezzjoni tal-Kotba tal-Union)

16.1 Il-Minuti tal-Laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv huma kunfidenzjali u għandhom ikunu disponibbli biss għall- membri tal-Kumitat Eżekuttiv. Madanakollu, informazzjoni ġenerali għandha tiġi mgħoddija minnhom lill- konferenza Ġenerali jew għal kull Bord speċjali maħtur minn din il-Konferenza għal dan il-għan;

16.2 Il-kotba u l-listi l-oħra kollha tal-membri għandhom ikunu miftuħa għall-ispezzjoni fi żmien raġonevoli skont id-diskrezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv.

## ARTIKOLU 17 (Xoljiment)

17.1 L- Union tista' tiġi xjolta bil-kunsens tmenin fil-mija (80%) tal-membri li jkollhom il-miżata tagħhom għas-sena li fiha tkun sejra tittieħed id-deċizjoni, mħallsa.

17.2 Fil-każ ta' xoljiment, kull bilanċ favorevoli ta' fondi, assi, proprjeta' jew xort'oħra għandhom jibqghu jinżammu f'kont bankarju sakemm tifforma ruħha Assocjazzjoni jew Union oħra bl-istess għanijiet u objettivi ta din l-Union.

Skeda 1 (Emblema)

MALTA POLICE UNION

Your Choice. Your Voice.

## Skeda 2 (Firem tal-Kumitat Eżekuttiv)

| | |
|---|---|
| Alexander Schembri | Marlon Hili |
| Neville Mercieca | Andy Bellia |
| Kevin Curmi | Kevin Buhagiar |
| James Saliba Lorenz | |